**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Hubert A Cini]**

**vs**

**Omar Busuttil**

**Kumpilazzjoni Numru: 830/15**

**Illum, 15 ta' Frar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omar Busuttil detentur tal-karta tal-identita` numru 234181(M).

Akkuzat talli:

> Fil-5 ta' April 2014, u fi zmien ta' qabel, fil-fond The Cape, Triq Mikiel Ang Sappiano, Hal Luqa, u f'dawn il-Gzejjer, seraq hdax-il kaxxa madum ghad-detriment ta' Polidano Brothers u John Paul Attard ghal valur ta' €222.34, liema serq huwa aggravat bil-mezz u l-persuna u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263, 268 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikoli 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, liema sentenzi kienu moghtija lil Omar Busuttil u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-AG sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 261, 263, 268 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Omar Busuttil hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kollha hlief dik ta’ ricettazzjoni stante li hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, u tikkundannah ghal perjodu ta’ Ordni ta’ Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal zmien sentejn (2) mil-lum.

Finlament spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta, u tibghat kopja tas-sentenzja odjerna lid-Direttur tal-Probation Services u Parole flimkien mal-Probation Order hawn annessa.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**